# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 37/06/1 GM**

**P.O.G. Limited (C-25817) u Petralux Limited (C-10114)**

**v.**

1. **Onorevoli Ministru għall-Kommunikazzjoni u Proġetti Nazzjonali**

2. **Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet u Onorevoli Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali**

3. **Direttur tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni**

4. **Awtorità ta' Malta Dwar ir-Riżorsi**

5. **Onorevoli Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali**

6. **Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta**

7. **Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi**

**Il-Qorti**

1. Din hija sentenza dwar appell prinċipali imressaq mis-soċjetajiet attriċi, u dwar appelli inċidentali mressqa minn uħud mill-konvenuti minn sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, (minn issa 'l quddiem l-Ewwel Qorti) mogħtija nhar is-26 ta' Novembru 2020 fejn illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju lill-konvenuti Ministri; u laqgħet parzjalment it-talbiet attriċi għal riżarċiment tad-danni minħabba ħsarat f'żewġ binjiet u mobbli li fihom kienu jinstabu meta kaġun ta' għargħar li ħakem l-inħawi f'Settembru, 2003 iż-żewġ binjiet spiċċaw parzjalment mgħarrqa. L-Ewwel Qorti sabet li l-atturi kkontribwew għad-danni minnhom sofferti u akkollat 25% tar-responsabbilità tal-*eventum damni* fuq l-atturi. Il-kumplament tar-responsabbilità ġiet spartit kif ġej: 15% fuq l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi; 5% fuq il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi; 10% fuq l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta; u r-rimanenti 45% fuq id-Direttur tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni u fuq id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet solidalment bejniethom.

**Daħla**

2. Bis-saħħa ta' kuntratt tas-27 ta' Settembru 2000 fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo Agius, is-soċjetà attriċi P.O.G. Limited akkwistat il-fond

fejn illum topera l-ispiżerija u klinika bl-isem Drugshop Dispensary, Vjal De La Cruz, kantuniera ma' Triq Spiteri Fremond, f'Ħal Qormi. Il-fond mixtri kien preċedentement jintuża bħala *showroom* tal-karrozzi. L-atturi kienu jiġġestixxu l-ispiżerija u l-klinika fl-ewwel sular sakemm fis-sena 2001 il-ġestjoni ġiet trasferita għal pjan terran.

3. Bejn il-15 u s-17 ta' Settembru 2003 il-gżejjer Maltin ġew milquta minn maltempata qalila li fl-inħawi fejn hemm il-fond imsemmi seħħew għargħar kif ukoll żbroff ta' ilma tad-drenaġġ bil-konsegwenza li daħal fil-fond tal-atturi u kkaġuna ħafna ħsara. L-atturi jakkużaw lill-konvenuti illi naqsu fl-obbligi tagħhom li jassiguraw li ma jseħħx dak li effettivament seħħ u għalhekk intavolaw il-kawża odjerna jitolbu fil-konfront tal-konvenuti dikjarazzjoni ta' responsabbilità għad-danni minnhom sofferti kif ukoll likwidazzjoni u ħlas tal-istess danni. L-atturi għaddew sabiex fetħu l-kawża odjerna.

4. Permezz tar-<u>rikors ġuramentat</u> tagħhom is-soċjetajiet **P.O.G. Limited** u **Petralux Limited** (**is-Soċjetajiet Attriċi jew l-Atturi**) ippremettew illi:

> "Peress illi l-istanti P.O.G. Limited tipposjedi ħanut ta' spiżerija debitament liċenzjata, bix-showroom u kmamar u kliniċi ta' konsultazzjoni, bla numru uffiċjali, magħrufa bl-isem Drugshop Dispensary fi Vjal De La Cruz kantuniera ma' Triq Spiteri Fremond, f'Ħal Qormi filwaqt illi l-istanti Peralux Limited tiġġestixxi l-istess Drugshop Dispensary f'Ħal Qormi u anki tipposjedi maħżen u fond konness ma' l-istess Drugshop Dispensary.

Peress illi in segwitu ta' maltemp fil-15 u fis-17 ta' Settembru 2003, l-inħawi ta' l-istess Drugshop Dispensary f'Ħal Qormi kienu batew għargħar minn ilma tax-xita maħmuġ ieħor u drenaġġ li żbroffa mis-sistema tad-drenaġġ li l-konvenuti, kollha jew min minnhom, kellhom il-responsabbilità skond il-liġi li jipprevjenu;

Peress illi kaġun ta' l-istess għargħar, l-istanti batew danni konsiderevoli fl-imsemmija spiżerija Drugshop Dispensary, showroom, maħżen, kmamar u kliniċi ta' konsultazzjoni, tagħmir u diversi apparat kliniċi u diversi merċi u stock, għal liema, danni jaħtu unikament il-konvenuti, kollha jew min minnhom, għall-għemil u/jew nuqqasijiet, atti u/jew ommissjonijiet tagħhom jew ta' min minnhom, minħabba negliġenza u traskuraġni, imprudenza, imperizja, nuqqas ta' ħsieb mistenni u/jew meta ma pprovdewx għat-tindif, ġmiegħ, ħazin, skular u drenaġġ, użu jew użu mill-ġdid u/jew disponiment ta' l-ilma tax-xita fl-istess inħawi ta' l-indirizz tad-Drugshop Dispensary f'Ħal Qormi, kif sejjer jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża;

Peress illi interpellati uffiċjalment sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni, il-konvenuti baqgħu inadempjenti;"

5. Magħmula dawn il-premessi l-atturi talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għad-danni mill-istanti fid-Drugshop Dispensary, Vjal De La Cruz kantuniera ma' Triq Spiteri Fremond, f'Ħal Qormi, fix-showroom, maħżen, kmamar u kliniċi ta' konsultazzjoni, u diversi tagħmir u apparat kliniku, merċi u stock li kienu hemm jinsabu, fl-għargħar ta' ilma tax-xita u drenaġġ żbroffat li seħħ fil-15 u fis-17 ta' Settembru 2003 fl-inħawi tal-istess Drugshop Dispensary f'Ħal Qormi;

2. Tillikwida occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, l-istess danni sofferti mill-istanti fid-Drugshop, Vjal De La Cruz kantuniera ma Triq Spiteri Fremond, f'Ħal Qormi, fix-showroom, maħżen, kmamar u kliniċi ta' konsultazzjoni, u diversi tagħmir u apparat kliniku, merċi u stock li kienu hemm jinsabu, fl-għargħar ta' ilma tax-xita u drenaġġ zbroffat li seħħ fil-15 u fis-17 ta' Settembru 2003 fl-inħawi tal-istess Drugshop Dispensary f' Ħal Qormi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni kif fuq ingħad.

Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż tar-rikors u ta' l-ittri uffiċjali ta' l-20 ta' Jannar 2004 u t-30 t'Awissu 2005 kontra l-konvenuti."

6. B'risposta ġuramentata, il-konvenuta **Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi** (**l-Awtorita Riżorsi)** laqgħet għall-azzjoni attriċi bl-eċċezzjonijiet segwenti:

> "1. Illi in linea preliminari, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u inoltre l-Awtorita eċċipjenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, billi l-allegat nuqqas jew responsabbilitá ma tinkwadrax ruħha taħt ebda waħda mill-funzjonijiet u responsabbiltajiet ta' l-Awtorità eċċipjenti.
>
> 2. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-Awtorità eċċipjenti dejjem wettqet il-funzjonijiet tagħha bir-reqqa u skond il-liġi.
>
> 3. Illi sussidjarjament u bla preġudizzju għall-premess l-akkadut in kwistjoni ġie kaġunat minħabba forza maġġuri u kwindi l-Awtorità eċċipjenti ma taħti xejn u m'għandha tbati ebda danni jew ħsara allegatament sofferti mill-atturi."

7. B'risposta ġuramentata l-**Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi** (**il-Kunsill** jew **il-Kunsill Konvenut**) ressaq is-segwenti eċċezzjonijieti:

> "1. Illi fl-ewwel lok, il-Kunsill ta' Ħal Qormi mhuwiex il-leġittimu kontradittur.
>
> 2. Illi mingħajr preġudizzju għal dak ġia eċċepit, il-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi m'għandu iwieġeb għall-ħsarat li allegatament soffrew is-soċjetajiet attriċi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.
>
> 3. Illi l-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi mhuwiex responsabbli tas-sistema tad-drenaġġ u l-anqas ma huwa responsabbli għal xi Sistema oħra intiża biex tikkontrolla l-għargħar fl-inħawi tal-fond fejn allegatament seħħ dannu għas-soċjetajiet attriċi.
>
> 4. Illi mingħajr preġudizzju għal dak ġia eċċepit, fid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni seħħet maltempata ta' natura straordinarja u għalhekk id-danni li allegatament sofferti mill-atturi m'għandhomx jiġu mħallsa mill-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi *stante* li japplika l-artikolu 1029 tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta."

8. Il-konvenuta **Awtorità dwar it-Trasport f'Malta** (**l-Awtorità Trasport**) b'risposta ġuramentata ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

> "1. Illi, preliminarjament l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, mhiex leġittimu kontradittur f'dan il-kaz, *stante* l-fatt illi l-installazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema tad-drenaġġ ma jaqawx taħt il-mansjonijiet tagħha u għalhekk ma tistax tinzamm responsabbli għal xi ħsara li tirrizulta mill-istess.
>
> 2. Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-triq in kwistjoni hija waħda residenzjali u għaldaqstant il-manutenzjoni tagħha ma taqax taħt ir-responsabbilità ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.
>
> 3. Illi għaldaqstant l-eċċipjenti tirrespinġi t-talbiet attriċi fil-konfront tagħha bħala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u tgħid illi għalhekk dawn għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra l-atturi."

9. B'sentenza tas-26 ta' Novembru, 2020 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża kif ġej:

> "1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq kif sostitwiti bil-Ministru għall-Komunikazzjoni u Proġetti Nazzjonali u Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.
>
> 2. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi.
>
> 3. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.
>
> 4. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita ` dwar it-Trasport ta' Malta.
>
> 5. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha tal-konvenuti sa fejn dawn mhumiex kompatibbli ma' din is-sentenza.
>
> 6. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara lill-konvenuta Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi responsabbli għad-danni fil-kwota ta' 15%; lill-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi fil-kwota ta' 5%; lill-Awtorita`dwar it-Trasport ta' Malta fil-kwota ta' 10% u lid-Direttur Generali tax-Xogħlijiet u lid-Direttur tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni solidalment bejniethom fil-kwota ta' 45%.
>
> 7. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida l-parti mill-istess danni attribwibbli lill-konvenuti fis-somma ta' fis-somma ta' €320,477.08.

> 8. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna għall-ħlas tal-istess danni lill-konvenuta Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi għas-somma ta' €64,095.54; lill-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi għas-somma ta' €21,365.18; lill-Awtorita`dwar it-Trasport ta' Malta fis-somma ta' €42,730.36; u lid-Direttur Generali tax-Xogħlijiet u lid-Direttur tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni solidalment bejniethom fis-somma ta' €192,286.62.
>
> Bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tal-20 ta' Jannar 2004 u tat-30 t'Awwissu 2005."

10. B'rikors tal-appell tas-16 ta' Diċembru, 2020 il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi (minn issa wkoll il-Kunsill Lokali appellant) appella mis-sentenza imsemmija, u għar-raġunijiet hemm miġjuba, talab lil din il-Qorti "tvarja s-sentenza ....... billi tħassar, tirrevoka jew tvarja t-tielet, il-ħames, is-sitt, is-sebgħa u t-mien kap tas-sentenza u dan fil-konfront tal-Kunsill appellanti u tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha kif imressqa mill-istess Kunsill u b'hekk tiddikjara li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qorti ma huwiex il-leġittimu kuntradittur u ma seta' bl-ebda mod jikkontribwixxi għall-ħsarat sofferti mill-atturi u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju".

11. L-atturi (minn issa wkoll l-atturi appellanti inċidentali) ppreżentaw risposta għall-appell kif ukoll appell inċidentali fl-14 ta' Jannar, 2021 fejn talbu lil din il-Qorti tikkonferma l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' kapi tas-sentenza appellata, tiċħad l-appell tal-konvenut appellant Kunsill Lokali, sabiex il-konvenut appellant jibqa' jinżamm responsabbli fi kwota perċentwali awmentata jew oħra varjata ..... filwaqt li għalhekk tirriforma, tvarja u tbiddel il-ħames, sitt, seba' u tmien kapi tal-istess sentenza

appellata, ħalli filwaqt li dawn jibqgħu jgħoddu għall-konvenut appellant Kunsill Lokali ta' Ħal Qorti u r-rimanenti konvenuti appellati l-oħra (bl-esklużjoni tal-Ministri konvenuti) jew min minnhom, u b'hekk l-istess konvenuti appellati jinżammu bejniethom responsabbli għall-mija fil-mija (100%) tar-responsabbilità għad-danni *de quo*, in forza tal-appell inċidentali".

12. L-Awtorità dwar ir-Riżorsi (minn issa 'l quddiem wkoll l-Awtorità għar-Riżorsi appellanti inċidentali) wkoll ħassitha aggravata u mar-risposta tagħha tat-28 ta' Jannar, 2021 ippreżentat appell inċidentali, li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbet lil din il-Qorti tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.

13. L-Awtorità dwar it-Trasport (minn issa 'l quddiem ukoll l-Awtorità għat-Trasport appellanti inċidentali) ippreżentat fil-11 ta' Frar, 2021 risposta flimkien ma' appell inċidentali li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbet lil din il-Qorti sabiex "prevja okkorrendo konferma tat-tielet kap tas-sentenza appellata sabiex il-konvenut appellant Kunsill Lokali jibqa' jinżamm responsabbli fi kwota perċentwali awmentata ..... tirriforma, tvarja, u tbiddel l-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-ħames, is-sitt , is-seba' u t-tmien kapi tal-istess sentenza appellata, ħalli filwaqt li dawn jibqgħu jgħoddu għall-atturi ... u għall-konvenuti kollha ad esklużjoni tal-esponenti Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-Awtorità ta' Malta dwar ir-

Riżorsi, jew min minnhom, u b'hekk l-atturi ... u l-konvenuti kollha, ad esklużjoni" tal-awtoritajiet imsemmija "jinżammu responsabbli għall-mija fil-mija (100%) tar-responsabbilità għad-danni de quo, " u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju."

14. Ġew preżentanti wkoll risposti għall-appelli inċidentali.

15. Din il-Qorti, wara li appuntat l-appell għas-smigħ u semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2024, ħalliet l-appell prinċipali u l-appelli inċidentali għal-lum għas-sentenza.

16. Kif rajna, din il-kawża titratta talba għad-danni mġarba mill-atturi b'riżultat ta' għargħar li seħħew f'Ħal Qormi f'Settembru 2003.

17. Mill-appell prinċipali u mill-appelli inċidentali intavolati joħroġ li l-aggravji jirrigwardaw:

(i) Min mill-konvenuti huwa leġittimu kontradittur;
(ii) Jekk id-danni seħħewx minħabba forza maġġuri;
(iii) Kontestazzjoni da parti ta' uħud mill-appellanti dwar is-sejbien tal-Ewwel Qorti li huma responsabbli f'xi grad għad-danni reklamati;
(iv) Kontestazzjoni da parti tal-appellanti tas-sehem rispettiv tar-responsabbilità kif spartiti mill-Ewwel Qorti;

(v) Kontestazzjoni da parti tal-atturi dwar is-sejbin tal-Ewwel Qorti li huma kkontribwew għad-danni minnhom stess subiti.

18. Minn qari tal-appelli kollha jidher li m'hemmx kontestazzjoni dwar (a) l-ammont ta' danni sofferti mill-atturi kif likwidat mill-Ewwel Qorti; u (b) li d-danni huma b'riżultat tal-għargħar. Il-kontestazzjonijiet prinċipali jirrigwardaw aggravji li parti ma hiex leġittimu kontradittur jew li ma hix responsabbli għad-danni; u kontestazzjoni tal-persentaġġi ta' responsabbilità addossati fuq diversi mill-partijiet mill-Ewwel Qorti.

**L-Appell Prinċipali tal-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.**

**L-Aggravju marbut mal-Eċċezzjoni ta' Nuqqas ta' Leġittimazzjoni Passiva.**

19. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi jattakka s-sentenza appellata billi jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-provi meta ddikjarat li l-Kunsill kien in parti responsabbli għall-ħsara sofferta mill-atturi fid-dawl ukoll tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kapitolu 363) b'mod partikolari għall-*vires* tal-Kunsill Lokali naxxenti minn Artikolu 33 u r-Raba' skeda tal-istess att.

20. Jissottometti li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija arbitrarja u b'ebda mod ma hi sufrugata la mill-provi prodotti u lanqas mill-konklużjonijiet peritali. Jinsisti li għalkemm *ai termini* tal-Artikolu 33 u r-Raba' Skeda tal-Kapitolu 363, il-Kunsill huwa responsabbli mit-toroq residenzjali, fl-istess waqt ma hux responsabbli mit-toroq arterjali fejn seħħ l-għargħar u lanqas ma huwa responsabbli mill-immaniġġjar tal-ilma tax-xita fil-widien jew l-ippjanar kontra l-għargħar. Jgħid illi primarjament mhuwiex l-leġittimu kontradittur.

21. Il-Kunsill jirreferi għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu fejn instab responsabbli għal 5% tad-danni subiti mill-atturi għaliex l-Ewwel Qorti, filwaqt li rriteniet li x-xogħol sabiex jiġi evitat l-għargħar kien jinvolvi proġett infrastrutturali ta' natura nazzjonali "li żgur ma kienx jaqa' fil-mansjonijiet tal-istess Kunsill"; żiedet tikkonkludi illi l-Kunsill "ċertament li kkontribwixxa biex iżomm il-flow tal-ilma minn fuq ir-*roundabout* biswit l-istabbiliment tal-atturi <u>meta kompla għolliha</u>. Għalhekk għandu responsabbilità ta' 5%". (sottolinear ta' din il-Qorti).

22. Jgħid il-Kunsill li mill-provi jirriżulta li huwa qatt ma kien involut fix-xogħol strutturali ta' kostruzzjoni fuq ir-*roundabout* u dan kif ikkonfermat mix-xhud Ivor Robinich mill-Awtorità tal-Ippjanar fix-xhieda tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2006. Spjega li l-Kunsill sebbaħ biss din ir-*roundabout* iżda ma għamlilha l-ebda tibdil strutturali. Il-Kunsill isostni illi bl-*embelleshmen*t li

għamel, u ċjoè taħwil ta' siġar u kostruzzjoni ta' monument, ma kellu l-ebda kontribut għall-għargħar ta' Settembru 2003. Jgħid illi minn imkien fl-atti ma jirriżulta li l-*embellshment* tar-*roundabout* ikkontribwixxa għal għargħar. Jinsisti li għall-kuntrarju, jirriżulta illi kien hemm problema ta' qlib tal-ilma tax-xita u problema fis-sistema tal-kanali jew sistema li mhix adegwata ta' fejn imur l-ilma tax-xita. Il-Kunsill jispjega li kien ilu s-snin jisħaq mal-awtoritajiet ċentrali sabiex joħolqu sistema adegwata tal-ilma tax-xita sabiex jiġi evitat għargħar; anke għaliex kien ben magħruf li f'dawk l-inħawi jinżamm ħafna ilma. Il-Kunsill jissottometti li għalkemm l-Ewwel Qorti kienet ġusta meta kkunsidrat li l-amministrazzjoni pubblika hija soġġetta għall-prinċipji ġenerali tal-Kodiċi Ċivili inkluż li huwa marbut li jaġixxi bid-diliġenza ta' *bonus paterfamilias*, l-istess Qorti naqset però milli tpoġġi għat-test tal-*bonus paterfamilias* lill-entitajiet konvenuti b'mod individwali waqt li għamlet l-apprezzament tal-provi prodotti. L-appellant jgħaddi mbagħad sabiex jagħmel referenza għal dak li ngħad mill-Periti Ġudizzjarji (a fol 2441 – 2442) kif ukoll għal dak li ġie maħluf mill-Periti Addizzjonali (a fol 2336) fejn fiż-żewġ rapporti ngħad li l-Kunsill Lokali m'għandux iwieġeb għal xi waħda mit-talbiet attriċi. Skont il-Kunsill appellant dawn il-konklużjonijiet ġew skartati mill-Ewwel Qorti mingħajr ebda raġuni valida.

23. Id-<u>Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet u d-Direttur tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni</u> ppreżentaw r-risposta għall-appell prinċipali fit-12 ta'

Jannar 2021 fejn fissru li l-Kunsill, għalkemm kellu mansjonijiet limitati, xorta jrid jerfa' r-responsabbiltà tiegħu għaliex bħala *bonus paterfamilias* kellu jiżgura li ma jsirx parkeġġ illegali fit-triq in kwistjoni. Konsegwenza ta' dan il-parkeġġ illegali kien hemm *container* li kien qed jimblokka t-triq u dan irriżulta sabiex il-livell tal-ilma jogħla. Dan seta' jiġi evitat jew inaqqas id-danni.

24. Is-<u>soċjetajiet atturi</u> ippreżentaw risposta tagħhom fl-14 ta' Jannar 2021 u rribattew li mill-provi jirriżulta li l-Kunsill esegwixxa xogħlijiet fl-inħawi kompriża f'xogħol ta' tisbiħ li kien jikkonsisti f'irdim ta' tunnellati ta' ħamrija, bini ta' ċnut tal-ħitan tas-sejjieħ, tħawwil ta' ringieli ħoxnin ta' arbuxxelli u twaqqif ta' monument tal-Gran Mastru Pinto. Jgħidu li anke jekk il-Kunsill għall-ewwel stenna lill-konvenut Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet jgħolli l-livell ta' struttura tar-*roundabout junction* in kwistjoni fit-tarf ta' Triq Manwel Dimech f'Ħal Qormi, bix-xogħol li għamel il-Kunsill fuq ir-*roundabout* effettivament imblukkaw, ostakolaw u fixklu l-passaġġ tal-qlib tal-ilma tax-xita li kien jaqa' fuq ir-*roundabout* u impedixxa l-qlib tal-ilmijiet tax-xita lejn il-Marsa u 'l bogħod mill-fond tal-atturi. Kien għal din ir-raġuni li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tinjora l-kontribuzzjoni li x-xogħol tal-Kunsill kellu fuq id-danni sofferti waqt l-għargħar. Jgħidu li għalhekk il-Kunsill għandu jerfa' l-parti tiegħu f'dik ir-responsabbiltà. Fir-rigward tal-fatt li l-Ewwel Qorti ma ħadnitx il-konklużjonijiet tal-periti tekniċi u tal-periti addizzjonali, is-soċjetajiet appellati jissottomettu li d-deċiżjoni aħħarija

tispetta lill-ġudikant, tant li l-partijiet jistgħu jissottomettu l-osservazzjonijiet konklussivi tagħhom anke ta' kritika għall-istess konklużjonijiet peritali.

25. L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi ippreżentat risposta fit-28 ta' Jannar 2021 għall-appell prinċipali u għall-appell inċidentali tal-atturi fejn laqgħet billi ssottomettiet li dawk l-appelli kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Fissret li ser tipprevalixxi ruħha mid-dritt ta' appell inċidentali.

26. L-Awtorità għat-Trasport ressqet ir-risposta tagħha għall-appell prinċipali, għall-appell inċidentali tas-soċjetajiet atturi u għall-appell inċidentali tal-konvenuta Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi f'risposta ippreżentata fil-11 ta' Frar 2021 fejn laqgħet għal dawk l-appelli billi ssottomettiet li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż filwaqt li ddikjarat li ser tipprevalixxi ruħha mid-dritt ta' appell inċidentali.

Ikkunsidrat;

27. Nibdew bl-aggravju tal-Kunsill Lokali illi l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidrah bħala li ma hux leġittimu kontradittur u li għalhekk kellu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

28. Hi ġurisprudenza stabbilita illi biex wieħed jara jekk parti f'kawża hijiex jew le leġittimu kontradittur, jeħtieġ li l-Qorti tistħarreġ jekk, mad-daqqa ta' għajn, il-persuna mħarrka kinitx materjalment parti fil-ġrajjiet jew uħud minnhom li jkunu ħolqu r-rabta ġuridika ta' bejniethom, u li twassal biex inħolqu rabtiet jew effetti fuq il-parti imħarrka illi kellha twieġeb għalihom. Dan jgħodd kemm f'azzjonijiet imsejsa fuq rabtiet kuntrattwali; kif ukoll fuq dawk ta' indoli akwiljana. Kif inżamm minn din il-Qorti fis-sentenza **Karmenu Mifsud v. Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura et.** mogtħija fis-6 ta' Jannar 2020:

> "Illi biex tirnexxi d-difiża li l-parti mħarrka f'kawża mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-parti attriċi, jeħtieġ li jintwera li ma jkunx hemm rapport ġuridiku bejn il-partijiet, kemm jekk dan ikun wieħed mibni fuq rabta kuntrattwali jew mod ieħor. Għalkemm dan jista' jidher li jitlob mill-eċċipjenti l-prova ta' fatt negattiv, mhuwiex il-każ għaliex in-nuqqas ta' rabta ġuridika tal-parti mħarrka tista' tintwera bi provi (kemm orali u kif ukoll dokumentali) li juru s-swaba' lejn ħaddieħor li ma jkunx il-parti li teċepixxi li mhix il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi. Imbagħad, jaqa' fuq il-parti attriċi li tiġġustifika għaliex, minkejja dawk il-provi, xorta waħda l-parti eċċipjenti jmissha titqies bħala l-kontradittriċi leġittima tal-istess azzjoni;"

29. L-Ewwel Qorti mhux biss ikkonkludiet li l-Kunsill Lokali huwa leġittimu kontradittur iżda qieset ukoll li kellu parti mit-tort għad-danni sofferti mill-atturi għaliex qieset li kkontribwixxa biex iżomm il-*flow* tal-ilma minn fuq ir-*roundabout* ħdejn il-fondi tal-atturi peress li kompla jgħolli dik ir-*roundabout*.

30. Huwa inspjegabbli kif saħansitra f'dan l-istadju l-Kunsill Lokali għadu qed jinsisti li ma hux leġittimu kontradittur. L-impressjoni li jagħti l-Kunsill Lokali hi illi ma għarafx id-distinzjoni bejn l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva u l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' responsabbiltà għax-xilja tal-atturi. L-atturi ħarku lill-Kunsill Lokali għaliex xlewh illi bix-xogħlijiet li għamel kien responsabbli, waħdu jew mal-konvenuti l-oħra, għal għargħar li kkaġunawlhom danni inġenti meta daħlilhom l-ilma fil-binjiet li minnhom jiġġestixxu attività kummerċjali u spiċċaw mgħarrqa. Ġie stabbilit illi l-Kunsill Lokali għamel xi xogħlijiet fuq ir-*roundabout* viċin dawk il-binjiet. L-atturi saħqu illi dawk ix-xogħlijiet ikkontribwew għal għargħar. Il-Kunsill irribatta li dak li għamel fir-*roundabout* kien biss *embelishment* li bl-ebda mod ma kellu effett fuq l-imxija tal-ilma tax-xita. F'dan l-aggravju mhux qed tiġi trattata r-responsabbilità għad-danni imma biss jekk mad-daqqa ta' għajn, il-Kunsill kienx materjalment parti fil-ġrajja li ħolqot il-pretensjonijiet tal-atturi. Għal din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, il-leġittimazzjoni passiva hija altru milli evidenti.

31. **Tiċħad għalhekk l-aggravju tal-Kunsill Lokali referibbli għaċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tiegħu li ma hux leġittimu kontradittur**.

32. Apparti aggravju tal-Awtorità dwar it-Trasport u ieħor tal-Awtorità dwar ir-Riżorsi mabutin mal-leġittimazzjoni passiva li ser jiġu kkunsidrati aktar 'l isfel, il-kumplament tal-aggravji, sew tal-Kunsill Lokali kif ukoll tal-

appellanti inċidentali jikkontestaw fl-ewwel lok is-sejbien tar-responsabbilità rispettiva u fit-tieni lok is-sehem rispettiv f'perċentwali deċiż mill-Ewwel Qorti. Dawn l-aggravji kollha jattakkaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti.

33. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni illi fejn appell jattakka l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet il-Qorti tal-ewwel grad, il-ġurisprudenza prevalenti fir-rigward tal-kompitu tal-Qorti tat-tieni grad meta msejħa sabiex tikkonsidra din ix-xorta ta' aggravju, hija dik kif qisitha din il-Qorti fis-sentenza **Antoinette Cutajar v. Prim Ministru et** mogħtija fl-14 ta' Diċembru, 2018:

> "7. … … … il-konvenuti jagħtu wisq enfasi lill-prassi li qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax l-apprezzament ta' fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-Ewwel Qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti."[1]

34. Jeħtieġ għalhekk li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli, filwaqt li tqis l-aggravji tal-appellant. (ara

[1] Ċitata b'approvazzjoni fis-sentenza **W.R. Mons. Arċ. Dr. Joseph Vella Gauci v. Carmel Vella et.** - Appell Superjuri - 6 ta' Mejju, 2024;

**Anvil Limited v. Ta' Giorni Limited et.** – Appell Superjuri – 12 ta' Ottubru, 2023; **FS Engineering and Plastic Limited v. Branko Radojevic et.** - Appell Superjuri – 16 ta' Marzu, 2023; **L-Inġinier Nehad Khalifa u Mohamed T.A. Khalifa v. Maria Anna Scicluna** – Appell Superjuri - 4 ta' Mejju, 2022; **Maria Stella Calleja v. Brian Degorigio** – Appell Superjuri - 17 ta' Marzu, 2022).

**L-aggravju tal-Kunsill Lokali marbut mar-Responsabbilità.**

35. Fir-rigward tal-appell prinċipali tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, referibbli għas-sejbien tal-Ewwel Qorti li kien responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi f'perċentwali ta' ħamsa fil-mija (5%), ssir referenza għall-**Artikolu 33 tal-Kapitolu 363 (Att dwar il-Gvern Lokali)** kif applikabbli fiż-żmien rilevanti, li jelenka l-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali. Fosthom ma hemmx inkluż funzjonijiet relatati ma' ħarsien, tindif u manutenzjoni ta' widien, lanqas ma jinkludi funzjonijiet relatati mas-sistemi ta' drenaġġ u mal-immaniġġjar tal-ilma. Dan ġie anke enfasizzat minn diversi kunsilliera, sindki u ex-sindki ta' dan il-kunsill fejn xehdu u eżebew numru ta' ittri mibgħuta mill-Kunsill lil diversi entitajiet governattivi jinsistu mal-Gvern Ċentrali sabiex jieħu azzjoni ta' tindif u manutenzjoni tal-widien li jinsabu f'dik il-lokalità.

36. L-Ewwel Qorti sabet 5% responsabbilità fuq il-Kunsill Lokali wara li kkunsidrat dan li ġej:

> "Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi għandu responsabilitajiet li joħorġu mill-Artiklu 33 tal-Kapitlu 363 tal-Liġijiet ta' Malta. Ix-xogħol biex jiġi evitat l-għargħar kien jinvolvi proġett infrastrutturali ta' natura nazzjonali li żgur ma kienx jaqa' fil-mansjonijiet tal-istess Kunsill. Iżda ċertament li kkontribwixxa biex iżomm il-flow tal-ilma minn fuq ir-*roundabout* biswit l-istabbiliment tal-atturi meta kompla għolliha. Għalhekk għandu responsabilita` ta' 5%."

37. Ifisser illi l-unika raġuni għaliex l-Ewwel Qorti sabet responsabbilità fuq il-kunsill kienet il-konklużjoni tagħha illi l-kunsill kien għolla l-livell tar-*roundabout* u b'hekk ikkontribwixxa sabiex joħloq ostakolu għall-*flow* ta' l-ilma tax-xita li kien sejjer fid-direzzjoni tal-Marsa u minflok spiċċa jmur lejn il-fondi tal-atturi.

38. Il-Kunsill Lokali jinsisti illi b'dak li għamel fuq ir-*roundabout* bl-ebda mod ma kkontribwixxa għal dak li sabet l-Ewwel Qorti.

39. Mill-atti jirriżulta illi l-kostruzzjoni tar-*roundabout* in kwistjoni ma saritx mill-kunsill lokali imma mid-dipartiment tax-xogħlijiet pubbliċi. Kien il-Perit Ray Farrugia, Direttur Ġenerali tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, stess li fix-xhieda tiegħu tal-10 ta' Jannar 2007 ikkonferma li *lifting* tar-*roundabout* sar mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet snin qabel seħħ l-għargħar mertu tal-kawża u ma dak ix-xogħol kien twessa' l-passaġġ ta' l-ilma ta' taħt it-triq. Isegwi għalhekk illi ż-żieda fl-għoli tar-*roundabout* seħħet bħala parti mix-xogħlijiet pubbliċi li kienu qed isiru f'dawk l-inħawi mill-Gvern Ċentrali.

Dan ġie wkoll ikkonfermat minn Fiona Fenech, direttriċi tas-soċjetà attriċi, fejn xhedet illi: "Niftakar ukoll li l-*Public Works* kienu ghollew il-livell tat-Toroq, bhal Triq Manwel Dimech u tar-*Roundabout* quddiem il-Birrerija Lowenbrau, eżatt faċċata u viċin min-naha tal-genb ta' l-Ispizerija."[2]

40. Jirriżulta illi f'Awwissu 1999, wara li tlestiet ir-*roundabout* mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet kif imsemmi, il-Kunsill Lokali applika sabiex isir tisbiħ tar-*roundabout* u jitqiegħed monument fin-nofs tagħha[3]. Il-kunsill jinsisti illi r-*roundabout* saret mill-Gvern Ċentrali u l-Kunsill għamel biss tisbiħ tagħha li kien jikkonsisti fi tqegħid ta' monument kif ukoll it-tqegħid ta' ħamrija sabiex tħawlu arbuxelli.

41. Jirriżulta għalhekk illi l-fatt li l-ilmijiet tax-xita ġejjin mill-widien spiċċaw f'għargħar b'dannu għall-atturi ma kienx riżultat ta' dak li għamel il-Kunsill Lokali konvenut fuq ir-*roundabout,* imma riżultat tax-xogħlijiet li għamel il-Gvern Ċentrali fuq it-toroq artejali f'dawk l-inħawi billi għolla l-livell tagħhom, inkluż il-livell tar-*roundabout*. Il-provi kollha juru illi bl-inalzar tal-livell tar-*roundabout* u t-toroq arterjali tal-madwar, meta l-kanali tal-ilma tax-xita ma laħqux mal-volum ta' ilma tax-xita, l-*overflow*, minflok ma baqa' sejjer lejn il-Marsa, mar lejn l-inħawi fejn hemm il-binjiet tal-atturi bil-konsegwenza li għerqu. L-ebda prova in atti li dak l-influss ta'

---

[2] Paġna 678.

[3] "*Embellishment of roundabout and erection of grandmaster's monument at its centre*" (PA 4715/99).

ilma tax-xita lejn il-binjiet tal-atturi seħħ minħabba l-*embelleshment* li għamel il-kunsill lokali konvenut fuq dik ir-*roundabout.*

42. Ix-xhud Fiona Fenech kompliet tfisser illi qabel il-Public Works għollew il-livell tar-*roundabout*:

> "l-ilma tax-xita ta' l-inhawi kien jaqleb ghal ġewwa l-Kanal biex ikompli l-qlib lejn il-Marsa waqt li dak li jaqa' fl-inhawi tar-*roundabout* kien jaqleb lejn ic-Centru Sportiv tal-Marsa. Wara dak ix-xoghol, inqalbet il-pozizzjoni naturali ghax il-livell ta' dawk it-Toroq u r-*Roundabout* gie aktar fl-gholi minn dak ta' Triq Spiteri Fremond li kienet tiehu l-ilma tal-bjut ta' l-Ispizerija u l-postijiet li jmissu maghha. B'hekk dakinhar l-ilma tax-xita li ma setax ighaddi mill-kanal beda jfur lejn l-Ispizerija ghax dak li kien fil-livell tar-*roundabout* beda gej lura lejn l-Ispizerija minflok ma jaqleb lejn il-Korsa tax-Zwiemel fil-Marsa [...]"[4]

43. Dan saħqu wkoll ix-xhud it-Tabib Carmelo Brincat, residenti fl-inħawi u li għamel żmien Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, fl-affidavit tiegħu:

> "Il-birrerija nbniet fuq sit li hu xi żewġ metri u nofs iktar baxx mis-sit tal-Ispiżerija tal-atturi. Il-bini tal-birrerija sar xorta waħda. Il-kostruzzjoni tat-traffic junction u r-*roundabout* faċċata tal-birrerija saru f'livell iktar għoli milli kienu oriġinarjament, bil-konsegwenza li rvinaw il-gradient naturali u Vjal de la Cruz spiċċat magħluq bħal ġewwa ħondoq. Qabel ma seħħ dan l-iżvilupp, il-livell tal-ilma tax-xita kien jogħla l-iktar sa wiċċ ir-*roundabout* l-antika għoli ta' xi żewġ piedi u mbagħad minnufih jaqleb aktar 'l isfel lejn il-korsa tal-Marsa. Wara l-iżvilupp, l-ilmijiet tax-xita ma setgħux ifendu li jaqilbu biżżejjed lejn il-Marsa u minflok beda jkun ostakolat l-inżul naturali u jaqleb lura lejn Ħal Qormi fit-toroq tal-inħawi bħal Triq Spiteri Fermond, Triq l-Arkata u Triq is-Sienja u Main Street fil-parti t'isfel ħdejn Mike Service Station."[5]

---

[4] Paġna 678.

[5] Paġna 39.

44. Kif anke ġie osservat mill-Ewwel Qorti, it-Tabib Brincat, kien anke ġibed l-attenzjoni tal-Perit inkarigat mill-proġett dwar il-potenzjal ta' għargħar fil-parti in kwisjonti minħabba li l-wiċċ tat-triq madwar ir-*roundabout* kien ġej ixaqleb fuq id-djar u l-inħawi magħruf bħala Tal-Erba' Qaddisin u li din kienet sejra tkompli taggrava s-sitwazzjoni tad-djar fi Vjal de la Cruz għaliex l-ilma, minflok ixaqleb lejn il-Marsa kien sejjer ixaqleb lejn dawk l-inħawi ta' Ħal Qormi.

45. Dwar ix-xogħlijiet li saru fuq u mad-dawra ta' din ir-*roundabout* il-Professur Carmel Pule' fir-rapport tiegħu[6] jgħid hekk:

> "*This Government-induced intervention* [b'referenza għar-*roundabout*] *severely disturbed the natural gradient flow that used to take any overflowing stormwater at the old skewed arch at the entrance of Triq il-Kbira, Qormi to re-direct such waters into the stretch of the channel in front of the Drugshop Dispensary, situated on higher grounds, so as to by-pass and avoid the area known as "l-Istabal", now occupied by the Lowenbrau Brewery. This raising of terrain prevented the natural flow of increased volumes of stormwater that were also recently added in 1992 through the excavation of an underground gallery connecting the Qormi channel ahead of the skewed arch-bridge to the Santa Venera Trunnels traffic junction [...]*"[7]

46. Il-Professur Pule' ikkonkluda illi t-traġit tal-ilma tax-xita ġie ostakolat bil-fatt li fil-proġett tal-Gvern Ċentrali t-toroq arterjali u r-*roundabout* in kwistjoni spiċċaw f'livell aktar għoli minn kif kienu qabel il-progett, bil-konsegwenza li l-ilma tax-xita tal-wied li s-sistema ma kinitx qed tlaħħaq miegħu beda jmur fid-direzzjoni tal-fondi tal-atturi minflok lejn

[6] Paġna 261 *et seq*.
[7] Paġna 262 – 263. Ara wkoll paġna 270 *et seq*.

il-Marsa. Pjanta esebita minn John Farrugia, segretarju eżekuttiv tal-Kunsill Lokali, turi il-kanal tal-ilma tax-xita li jgħaddi bejn il-binjiet tal-atturi u r-*roundabout* u t-toroq arterjali in kwistjoni:




47. Irriżulta wkoll illi t-tindif tal-widien mhijiex ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali iżda tad-Dipartiment għas-Servizz tat-Tindif li fi żmien rilevanti kienet sezzjoni ġewwa id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Dan huwa evidenti mix-xhieda ta' Raymond Bugeja, Assistent Direttur mad-Dipartiment għas-Servizz tat-Tindif fejn fl-affidavit fisser li mir-rapport ta' tindif li sar fis-sena 2003 jirriżulta li bejn Ġunju u Settembru 2003 saru xogħlijiet ta' tindif tal-widien kif ukoll kanali (*culverts*) u dorog (*pits*) f'Ħal Qormi kif ukoll fil-Marsa mid-Dipartiment għas-Servizzi tat-Tindif.

48. Dwar il-Kunsill Lokali, l-Periti Addizzjonali ikkonkludew kif ġej:

> "Mill-provi prodotti jirriżulta ċar li l-kawża prossima tal-ħsara li sofrew is-soċjetajiet attriċi ma kienitx in-nuqqas ta' manutensjoni ta' xi triq jew mogħdija. Apparti l-fatt li skont is-subartikolu (2) fuq ċitat[8], Kunsill Lokali mhux responsabbli għal Toroq arterjali u distributorju, u jidher ċar li x-xogħol li kien hemm bżonn biex jiġi evitat l-għargħar, jew almenu jitnaqqas l-impatt ta' maltempata simili, kien ta' natura ta' proġett infrastrutturali ta' ċerta entita' nazzjonali u żgur mhux fil-kompetenza jew abilita' finanzjarja tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi…..Illi għalhekk l-esponenti jħossu li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi ma kellu l-ebda ħtija, lanqas b'mod kontributorju, għall-ħsara sofferta mis-soċjetajiet attriċi….."

49. Minn dak fuq ikkunsidrat jirriżulta li l-Ewwel Qorti attribwit responsabbilità fuq il-Kunsill Lokali meta erronjament ikkonkludiet illi lir-*roundabout* il-kunsill "kompla għolliha" u għalhekk ikkontribwixxiet għall-ostakolu tat-traġitt ta' l-ilma tax-xita. Tali konklużjoni ma hiex sorretta la mill-provi in atti u lanqas mir-relazzjonijiet, la ta' l-ewwel periti ġudizzjarji u lanqas tal-periti addizzjonali. Konsegwentement il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti illi l-*embelleshment* li l-Kunsill Lokali konvenut għamel fuq ir-*roundabout* ikkontribwixxa għall-għargħar in kwistjoni ma hiex sufrugata la mill-provi li ressqu l-partijiet u lanqas mir-relazzjonijiet tal-periti tekniċi.

50. **Issib għalhekk dan l-aggravju fondat, tvarja s-sentenza appellata sa fejn sabet lill-Kunsill Lokali responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi f'perċentwali ta' ħamsa fil-mija (5%); u minflok tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut, tiddikjara li l-Kunsill Lokali konvenut ma hux responsabbli għad-danni sofferti**

[8] Artikolu 33 tal-Kapitolu 363 (Att dwar il-Gvern Lokali) kif viġenti fiż-żmien rilevanti.

**mill-atturi filwaqt li tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tal-istess Kunsill Lokali konvenut**.

**Appell Inċidentali tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi**

51. L-Awtorità dwar r-Riżorsi interponiet appell inċidentali fejn tattakka s-sentenza appellata billi ssostni illi fil-mori tal-kawża ma baqgħetx leġittimu kontradittur b'effett tal-Artikolu 42 tal-Att XXV tal-2015 (Att dwar ir-Regolatur għas-Servizz tal-Enerġija u l-Ilma - Kap. 545). Tgħid illi b'effett ta' dan l-att ma baqgħatx ir-Regolatur peress li ġie mwaqqaf ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u Ilma stabbilit bis-saħħa ta' Artikolu 3 tal-istess Att. Titlob għalhekk li tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u li jieħu postha r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u Ilma.

52. Is-soċjetajiet atturi jilqgħu għall-appell inċidentali tal-Awtorità għar-Riżorsi billi jissottomettu illi meta l-kawża ġiet intavolata l-Awtorità kienet leġittimu kontradittur tant li l-Awtorità dak iż-żmien m'eċċepietx li ma kinitx. Jgħidu illi l-Awtorità mhux tappella mill-element sostantiv tas-sentenza appellata imma biss li m'għadhiex leġittimu kontradittur. Jissottomettu illi l-Awtorità qatt ma qajmet eċċezzjoni ulterjuri dwar dan jew għamlet sottomissjonijiet dwarha fis-sottomissjonijiet konklussivi quddiem l-Ewwel Qorti. Jinsistu li tali eċċezzjoni kellha titqajjem quddiem l-Ewwel Qorti u mhux wara 5 snin li daħal fis-seħħ Kapitolu 545.

53. Fissru wkoll li l-Ewwel Qorti korrettament ikkunsidrat il-kwistjoni mqajma mill-Awtorità f'dan l-appell meta fil-postilla numru 57 speċifikat li Kapitolu 423 kien għadu fis-seħħ limitatament għal fejn jikkonċerna r-riżorsi minerali u l-leġiżlazzjoni mniżżla fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att XXV tal-2015 biss. Jgħidu li ġialadarba l-kawża odjerna titratta materja li hi fost dawk elenkati fit-Tieni Skeda, il-kawża setgħat titkompla kontra l-Awtorità anke għaliex tali Skeda tinkludi r-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Riskji ta' Għargħar (L.S. 423.31). Is-soċjetajiet atturi jinsistu li l-Artikolu 42 ma jeskludix ir-responsabbiltà għad-danni u l-obbligu għar-riżarċiment tal-istess danni fuq il-konvenuta Awtorità iżda qiegħed unikament jirregola l-qasma tal-assi u l-obbligazzjonijiet bejn il-konvenuta Awtorità u r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma. Josservaw ukoll li dan il-Kapitolu 545 daħal fis-seħħ 12-il sena wara l-akkadut u għalhekk bl-ebda mod ma jista' jħassar jew ibiddel ir-responsabbiltajiet għan-nuqqasijiet tal-konvenuta Awtorità li wasslu għal dak l-akkadut.

54. Il-Kunsill Lokali ressaq risposta għal dan l-appell inċidentali fid-19 ta' Frar 2021 fejn issottometta li l-akkadut mertu tal-kawża seħħ snin qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXV tal-2015. Il-Kunsill Lokali jfisser li l-liġi tipprovdi mekkaniżmu speċifiku kif issir it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'atti ġudizzjarji, u li ċertament mhuwiex *tramite* rikors ta' appell. Tirreferi għall-

fatt li l-Awtorità appellanti kellha ħames snin disponibbli sabiex titlob it-trasfużjoni tal-atti jew biex issejjaħ lir-Regolatur fil-kawża iżda ma għamlet xejn minn dan.

Ikkunsidrat;

55. L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi issejjes l-appell tagħha illi fil-mori tal-kawża tilfet il-leġittimazzjoni passiva unikament billi invokat Artikolu 42 (1) (a) u (b) tal-**Att nru. XXV tal-2015 dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma** li prinċipalment jitratta t-trasferiment ta' liema assi u djun daru minn fuq l-Awtorità għal fuq ir-Regolatur.

56. Dan l-Artikolu 42 (1) (a) u (b) jipprovdi kif ġej:

> "(1)B'effett mid-data meta dan l-Att jiġi fis-seħħ:
>
> (a) l-assi u d-drittijiet ta' kwalunkwe natura tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (hawn aktar 'il quddiemimsejħa 'Awtorità') relatati ma' riżorsi li mhumiex riżorsiminerali kemm jekk eżistenti f'Malta jew barra minn Malta,inkluż iżda mhux limitat għal kull dritt reali u drittijiet oħra taħtkull kuntratt, kull flejjes dovuti minn kull persuna lill-Awtoritàu kull sehem, ishma jew interessi oħrajn f'kull korp ieħor; u
>
> (b) l-obbligi u r-responsabbiltajiet kollha tal-Awtorità relatati ma' riżorsi li mhumiex riżorsi minerali,
>
> permezz ta' dan l-Att ikunu kkunsidrati bħala assi, drittijiet,responsabbilitajiet u obbligi tar-Regolatur mingħajr il-bżonn ta'formalitajiet oħra barra dan l-Att."

57. Fil-fehma ta' din il-Qorti is-sub inċiżi li fuqhom sejset l-appell tagħha l-Awtorità dwar ir-Riżorsi ma jagħtux il-jedd li issa qed tivvanta l-Awtorità f'dan l-istadju tat-tieni grad.

58. Fi kwalunkwe każ; li qed tonqos l-Awtorità f'dan l-appell huwa li ma qisitx li l-Att XXV tal-2015 kien ilu li daħal fis-seħħ aktar minn ħames snin qabel ingħatat is-sentenza appellata. Jekk l-Awtorità dwar ir-Riżorsi verament ħasset il-ħtieġa li l-atti jiġu trasfużi minn fuqha għal fuq ir-Regolatur, kien imiss lilha, u lilha biss, li titlob li r-Regolatur jieħu postha f'dawn il-proċeduri.

59. Il-proċeduri tal-appell huma intiżi sabiex iservu bħala proċess ta' reviżjoni tas-sentenza appellata u mhux sabiex parti tipprova tissanzjona nuqqas tagħha quddiem il-Qorti tal-ewwel grad.

60. **Tiċħad għalhekk l-Appell Inċidentali tal-Awtorità dwar ir-Riżorsi**.

**Appell Inċidentali tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta**

61. Fil-11 ta’ Frar 2021 l-Awtorità għat-Trasport ressqet appell inċidentali. Tgħid li tħossha aggravata mis-sentenza appellata in kwantu l-Ewwel Qorti addossat 10% mir-responsabbiltà fuqha. L-Awtorità tinsisti li hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u għalhekk qiegħda titlob il-varjazzjoni tal-ewwel, it-tieni, ir-raba’, il-ħames, is-sitt, is-seba’ u t-tmien kapi tas-sentenza appellata. Tfisser li hija mhijiex leġittimu kontradittur *stante* li l-installazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema tad-drenaġġ ma jaqgħux taħt il-manzjonijiet tagħha u għalhekk ma tistax tinżamm responsabbli għal xi ħsara li tirriżulta mill-istess. Tgħid li t-triq in kwistjoni hija waħda residenzjali u għalhekk il-manutenzjoni tagħha ma taqax taħt ir-responsabbiltà tagħha. L-Awtorità tgħaddi mbagħad sabiex tagħmel referenza għan-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha tas-16 ta’ Mejju 2014 kif ukoll għar-rapporti tal-Perit Legali Dr. Peter Caruana Galizia u l-Perit Tekniku David Pace tal-20 ta’ Jannar 2015 u għan-nota ta’ kjarifika tal-istess maħlufa fis-26 ta’ Ottubru 2015, fejn ikkonkludew li l-Awtorità għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

62. L-Awtorità tissottometti li hija dejjem wettqet il-funzjonijiet tagħha b’reqqa u skont il-liġi u l-akkadut seħħ minħabba forza maġġuri u għalhekk l-ebda responsabbilità ma għandha tiġi fuqha addossata.

63. L-<u>Awtorità dwar ir-Riżorsi</u> permezz ta’ risposta ippreżentata fit-8 ta’ Marzu 2021 irrimettiet ruħha għad-deċiżjoni ta’ din il-Qorti.

64. Is-soċjetajiet atturi ressqu r-risposta tagħhom għall-appell inċidentali tal-Awtorità għat-Trasport fit-12 ta' Marzu 2021. Dwar l-aggravju marbut mal-leġittimazzjoni passiva fl-Awtorità, jgħidu li l-provi juru mod ieħor minn dak li qed tgħid l-Awtorità. Jgħidu li filwaqt li parti mir-responsabbilità taqa' fuq il-Kunsill Lokali fir-rigward ta' wħud mit-toroq lokali li kienu mgħarrqa dakinhar tal-akkadut bl-intervent li l-Kunsill għamel fuq ir-*roundabout*; fl-istess ħin l-Awtorità għat-Trasport kellha responsabbiltà kontributorja akbar peress li rriżulta li ma qdietx il-funzjonijiet tagħha skont il-liġi.

65. Jgħidu, li minkejja t-tibdil li seħħ fil-liġi applikabbli waqt is-smigħ li sal-lum wassal għall-promulgazzjoni tal-Att dwar l-Aġenzija dwar Infrastruttura Malta (Kap. 588), Artikolu 29 ta' dan l-Att jipprovdi illi fejn hemm xi kawżi pendenti kontra l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, "l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għandha tibqa' unikament responsabbli għall-istess, mingħajr kwalunkwe responsabbilità min-naħa tal-Aġenzija".

66. B'referenza għall-Artikolu 4 (1) (b) tal-Kapitolu 332, li kien il-liġi applikabbli fiż-żmien tal-akkadut, jgħidu li l-Awtorità għat-Trasport kellha tintervjeni fi kwalunkwe disinn, kostruzzjoni u / jew ir-rikostruzzjoni ta' toroq pubbliċi arterjali u distributorji. Jgħaddu biex ifissru li l-Awtorità għat-Trasport għandha tal-anqas tliet aspetti li hija responsabbli li

jirriżultaw mill-atti: (a) xogħlijiet li saru fl-inħawi inkluż toroq u mini fl-Imrieħel u Santa Venera, li jiskulaw f'Wied is-Sewda Ħal Qormi, ftit metri 'l bogħod mill-fond tal-atturi; (b) it-tlugħ tar-*roundabout* quddiem il-fabbrika li kien hemm dak iż-żmien Lowenbrau li kellha effett ta' diga (*dam*); u (ċ) it-twessiegħ tal-pont tal-Kanal tal-Wied tat-Triq Aldo Moro (triq arterjali ewlenija) fil-Marsa. L-atturi jkomplu jfissru li dawn huma turija li l-Awtorità għandha twieġeb għall-inerzja u n-nuqqasijiet tagħha.

67. Għar-rigward tal-forza maġġuri, l-atturi jirribatti li l-Awtorità tibbaża l-aggravju tagħha fuq il-konklużjoni tal-ewwel periti maħtura quddiem l-Ewwel Qorti, liema konklużjonijiet ġew skartati kemm mill-Periti Perizjuri kif ukoll mill-Ewwel Qorti.

68. Il-Kunsill Lokali ressaq ir-risposta tiegħu għal dan l-appell inċidentali fis-17 ta' April 2024 fejn fir-rigward tal-aggravju marbut mal-leġittimazzjoni passiva tal-Awtorità jgħid li l-Awtorità titfa' l-ħtija ta' dak li seħħ fuq il-kunsill lokali. Jgħid illi huwa fisser sew fl-appell tiegħu għaliex dan mhux il-każ u għamel referenza għal dak li ngħad mill-Periti nominati mill-Ewwel Qorti. Fir-rigward tal-forza maġġuri, il-Kunsill Lokali rrimetta ruħu.

Ikkunsidrat;

**L-Appell Inċidentali tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.**

**L-Aggravju dwar nuqqas ta' Leġittimazzjoni Passiva.**

69. L-Awtorità għat-Trasport saħqet fl-appell inċidentali tagħha li hija mhijiex il-leġittimu kontradittur fuq il-pretest li mhijiex responsabbli mis-sistema tad-drenaġġ u lanqas hija responsabbli minn toroq residenzjali.

70. L-Ewwel Qorti qisitha bħala leġittimu kontradittriċi billi kkunsidrat li:

> "L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta hija mwaqqfa permezz tal-Kapitlu 499 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont l-Artiklu 7 tiegħu għandha l-funzjoni ewlenija li tamministra dak kollu li għandu x'jaqsam mat-toroq kollha għajr dawk sekondarji li jaqgħu fil-mansjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Hija għalhekk responsabbli għad-disinn, kostruzzjoni u manutensjoni tal-mina taħt Triq Aldo Moro, fil-Marsa li sservi bħala parti mill-watercourse għal storm water, u li kienet waħda mill-ostakli għall-kors tal-ilma."

71. Ftit hemm wieħed x'jista' jżid. Bil-fatt li l-Awtorità għandha r-responsabbilità statutorja li tamministra dak kollu li għandu x'jaqsam mat-toroq li fihom seħħew l-għargħar li wasslu għad-danni sofferti mill-atturi, ċertament li l-Awtorità għat-Trasport hi leġittimu kontradditur f'din il-kawża.

72. **Tiċħad għalhekk l-aggravju tal-Awtorità għat-Trasport referibbli għaċ-ċaħda mill-Ewwel Qorti tal-eċċezzjoni tagħha li ma hix leġittimu kontradittur**.

**L-Aggravju tal-Awtorità dwar it-Trasport marbut mal-Eċċezzjoni tal-Forza Maġġuri.**

73. Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara (Art. 1029, Kodiċi Ċivili).

74. Minn fost l-appelli inċidentali ppreżentati, huwa biss dak tal-Awtorità għat-Trasport li jressaq aggravju jattakka s-sentenza appellata fejn sabet illi d-danni sofferti mill-atturi ma kienux riżultat ta' forza maġġuri jew ta' każ fortuwitu imma riżultat ta' "negliġenza antecedenti grossolana". L-Awtorità ma tressaq l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha twarrab il-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti illi dak li seħħ lill-atturi huwa b'riżultat ta' nuqqasijiet da parti tal-awtoritajiet kompetenti fosthom l-Awtorità għat-Trasport u mhux ta' forza maġġuri. L-appellanti inċidentali tgħid biss illi "referenza għandha terġa ssir għar-rapport peritali" tal-ewwel periti ġudizzjarji. Sabiex tenfasizza li ma kienet qed iżżid xejn minn dak li qalet quddiem l-Ewwel Qorti tagħlaq l-aggravju xott tagħha billi espressament tgħid illi "… mingħajr ma wieħed għandu bżonn jirrepeti l-argumenti kollha f'dan ir-rapport, l-esponenti tissottometti li din l-Onorabbli Qorti għandha taddotta dan ir-rapport u a dirittura tiskarta r-rapporti tal-periti addizzjonali".

75. Lanqas l-iċken referenza għall-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti meta ċaħdet l-eċċezzjoni tal-Awtorità u ta' konvenuti oħra dwar forza maġġuri. Mhux biss, talli minn eżami tal-eċċezzjonijiet li l-Awtorità kienet ressqet quddiem l-Ewwel Qorti, l-ebda waħda minnhom ma tilqa' għat-talbiet attriċi bl-eċċezzjoni tal-forza maġġuri jew tal-każ fortuwitu. Hija eċċezzjoni mressqa minn konvenuti oħra u mhux minnha.

76. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti irrevediet il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar dan l-aspett tal-vertenza. L-Ewwel Qorti irriteniet illi:

> "M'hemm l-ebda dubbju li qabel il-maltempata tat-2003 kien hemm negliġenza anteċedenti grossolana ta' ċerta portata mill-awtoritajiet ikkonċernati, kemm ta' natura infrastrutturali kif ukoll ta' manutenzjoni tas-sistema li tassigura l-flow tal-ilma. Fatt li, kif diġa` ngħad, jaqblu fuqu l-esperti kollha; ikkonstatat mill-periti ex parte tal-atturi, mill-ewwel periti, kif ukoll mill-periti addizzjonali. Ġaladarba kien hemm din in-negliġenza, taqa' kull difiża ta' forza maġġuri, sakemm l-awtoritajiet ikkonċernati – għax anke hawn il-piż tal-prova jaqa' fuqhom – ma jippruvawx li bin-negliġenza tagħhom jew mingħajrha, is-sinistru kien iseħħ xorta waħda. Ħaġa li naqsu li jippruvaw. Saret riferenza għall-kawża Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud v Polidano Brothers Limited, li tirreferi għal ħsara li ġrat meta gaffa nġarret bl-ilma fl-istess maltempata mertu ta' din il-kawża, żammet l-ilma li daħal fl-uffiċini tal-attur u għamel il-ħsara. Il-Qorti sabet li kien hemm forza maġġuri. B'danakollu, f'dik il-kawża, b'differenza minn din il-kawża, ma kienx hemm negliġenza anteċedenti.
>
> Salv dak li għadu kif ingħad, in-negliġenza twaqqa' dejjem id-difiża tal-forza maġġuri. Dan indipendentement minn jekk il-maltempata kinitx prevedibbli jew le. Id-difiża tal-forza maġġuri tistrieħ fuq forza li l-bniedem ma jistax jilqa' għaliha bil-ħila tiegħu; jekk kien negliġenti ifisser bilfors li ma jkunx għamel ħiltu kollha biex jilqa' għaliha.
>
> Benchmarks
>
> Kif diġa` ngħad iktar 'il fuq, il-periti perizjuri jikkritikaw lill-ewwel periti li ma stabbilixxewx il-benchmarks tal-kapaċita` li suppost kellhom il-kanali; u għalhekk isostnu li, ġaladarba ma ġietx stabbilita l-kapaċita`

> massima ta' xita li setgħu jilqgħu għaliha, lanqas ma jista' jiġi stabbilit għal liema volum ta' xita ma setgħux jilqgħu, u allura li kienet forza maġġuri. Il-Qorti taqbel ma' dan ir-raġunament."

77. Skont l-Ewwel Qorti, meta jirriżulta li kien hemm negliġenza, l-eċċezzjoni ta' forza maġġuri ma treġġix sakemm ma jiġix ippruvat li bin-negliġenza jew mingħajrha d-dannu kien ser iseħħ xorta waħda.

78. Fil-fehma ta' din il-Qorti, sabiex l-eċċezzjoni tal-forza maġġuri tirnexxi jeħtieġ li min iressaqha jirnexxielu jipprova illi l-avveniment li kkawża d-dannu kien mhux biss imprevedibbli imma wkoll irreżistibbli bl-użu tad-debita kura. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti illi meta l-akkadut li kkaġuna d-danni huwa konsegwenza ta' ommissjoni tal-bniedem, id-difiża tal-forza maġġuri ma tirnexxiex, sakemm ma jiġix ukoll muri illi d-dannu kien irreżistibbli anke fl-assenza tal-ommissjoni jew tal-att kolpuż.

79. Il-ġurisprudenza nostrana tgħallem li biex tirnexxi d-difiża tal-każ fortuwitu, mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li din tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tiġi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*. Min jallega ċirkostanza bħal din, jaqa' fuqu l-piż li jippruvaha.

***Dannu b'riżultat ta' konkors bejn atti tal-bniedem u fenomeni naturali.***

80. Ġialadarba ġie sodisfaċentement ippruvat illi l-awtoritajiet responsabbli miż-żamma tat-toroq u tal-widien kif ukoll mill-proġett tal-inalzar tal-livell tat-toroq arterjali in kwistjoni ma qdewx id-doveri statutorji tagħhom b'diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*, kien jinkombi fuqhom l-oneru li jippruvaw illi s-sinistru kien tant qawwi illi anke mingħajr in-nuqqasijiet tagħhom kien ser ikun hemm inondazzjoni gravi li tagħmel ħsara lill-atturi.

81. Kif jingħad fil-***Manuale di Diritto Privato*** ta' ***Torrente & Schlesinger,***[9] meta d-dannu hu kkaġunat minn konkors ta' element uman u element naturali:

> "…. la giurisprudenza insegna che: (i) qualora il fattore naturale, su cuie incide il comportamento umano, sia sufficiente a determinare l'evento dannoso indipendentemente dalla condotta dell'agente, quest'ultimo non risponde *per nulla* del danno, non avendo posto in essere alcun antecedente dotato, in concreto, di efficienza causale; ċjoè, il dano si sarebbe verificato egualmente, anche in assenza della condotta umana; (ii) qualora, invece, il fattore naturale non possa dar luogo, senza l'apporto umano, all'evento dannoso, l'autore del comportamento imputabile e' responsabile *per intero* di tutte le conseguenze da esso scaturenti secondo normalita'; e cio', in quanto il danno non si sarebbe verificato in assenza della condotta umana (v. Cass. 24 febbraio 2023, n. 5737)."

[9] Ediz. 26th (2023) - Edit. Giuffre' - paġ. 963.

82. Bħall-Ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ssib illi ma jirriżultawx l-estremi sabiex tapplika Artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili għall-każ tal-lum. L-Awtorità ma rnexxilhiex tipprova illi d-dannu soffert mill-atturi kien inevitabbli, anke mingħajr ix-xogħlijiet li għalihom kienet responsabbli.

**83. Tiċħad għalhekk dan l-aggravju tal-Awtorità għat-Trasport, u konsegwentement tiċħad l-appell inċidentali tagħha.**

**L-Appell Inċidentali tas-Soċjetajiet Attriċi**

84. Fl-appell inċidentali tagħhom is-soċjetajiet attriċi jikkritikaw id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li llimitat ir-responsabbilità globali fuq il-konvenuti fil-perċentwal ta' 75% filwaqt li addossat fuqhom 25% tar-responsabbilità. Jgħidu illi l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-konvenuti kollha responsabbli *in solidum* għad-danni kollha u għalhekk talbu lil din il-Qorti tvarja f'dan is-sens is-sentenza appellata u minflok tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom iħallsu d-danni kollha fis-somma ta' €427,303.61, likwidata mill-Ewwel Qorti.

85. Jilmentaw l-atturi appellanti li ma setgħu qatt u bl-ebda mod ikunu tenuti li jnaqqsu t-tgawdija tal-pussess tal-fond tagħhom u ġestjoni tan-negozju. Jgħidu li huma l-konvenuti li wasslu sabiex bejniethom effettivament ikkawżaw d-danni reklamati minnhom. Jisħqu li l-provi kollha juru li qabel is-sinistru l-konvenuti kienu mwissija u mwiddba diversi

drabi saħansitra mill-istess deputat sindku tal-Kunsill Lokali konvenut rigward il-possibbilità ta' għargħar kaġun tax-xogħol traskurat u ħażin li sar fit-toroq arterjali ta' biswit.

86. Jinsistu li "*mhuwiex la minnu, u wisq lanqas ġust jew ekwu li wieħed jgħid li l-atturi setgħu jipprevjenu dawk id-danni [...] li kieku huma suppost li għamlu xi risk assessment qabel ma estendew in-negozju tagħhom mill-ewwel sular ta' fuq ġja okkupat minnhom, sabiex unikament komplew l-istess eżerċizzju tal-professjoni u negozju tagħhom mill-pjan terran bil-permessi kollha li tirrikjedi l-liġi nostrana*."[10] Jisħqu li huma m'għamlu ebda alterazzjoni li b'xi mod setgħet biddlet il-livell tal-istess fondi fuq it-triq u tal-bieb ta' barra. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament mhux adegwat tal-fatti meta allokat 75% biss tar-responsabbilità fuq il-konvenuti.

87. Jikkritikaw is-sentenza appellata sa fejn allokat 25% tar-responsabbilità fuqhom għaliex jgħidu li tali deċiżjoni ma ġietx motivata mill-Ewwel Qorti.

88. L-atturi appellanti jinsistu li mhux ċar jekk l-Ewwel Qorti kinitx qiegħda tibbaża ruħha fuq in-nuqqas ta' *risk assessment* min-naħa tagħhom. Jgħidu li ma kellhom ebda obbligu legali pożittiv dettat mil-liġi

---

[10] Paġna 2531.

għal xi *risk assessment* u li ħadd mill-konvenuti ma ġab prova dwar dan jew li kienu qed jiġġestixxu l-fond b'mod illegali. Ifissru illi ma kienx hemm dannu li huma sofrew li setgħu jipprevedu meta operaw dak in-negozju ta' spiżerija ġaladarba kellhom il-permessi kollha li trid il-liġi. Jinsistu li l-prinċipju *volenti non fit injuria* ma kienx japplika *stante* li l-bieb ta' barra fattwalment kien fl-għoli ta' ċirka nofs metru jew xi tliet tarġiet (kompriża ukoll l-għoli tal-bankina) mil-livell tat-Triq Spiteri Fremond. L-atturi jgħidu li l-għargħar "*seħħ mhux tant ghax il-fond tal-atturi jinsabu f'zona vulnerabbli meta niżlet ix-xita sinifikanti, kif issemma fis-sentenza appellata, iżda proprjament minħabba s-sadd fil-Kanal ħdejn id-Drugshop Dispensary tal-atturi tant li l-ilmijiet ma setgħux jaqilbu bħas-soltu skont il-pendil naturali lejn il-Marsa u minflok bdew ifawru u jibqgħu ma jaqilbux lejn il-Marsa*"[11].

89. Jilmentaw ukoll l-atturi illi l-Ewwel Qorti m'għamlitx referenza għar-Rapport tal-esperti internazzjonali ingaġġati mill-konvenut Onor. Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, imsejħin TAHAL esebit mill-konvenut Kunsill Lokali, jitolbu lil din il-Qorti sabiex "*talloka r-responsabbilta kollha ta' mija fil-mija (100%) ... lill-konvenuti bejniethom jew min minnhom*."[12]

90. Għalhekk talbu sabiex din il-Qorti tvarja is-sitt kap billi, prevja li tiddikjara li l-atturi m'għandhom ebda responsabbilità għad-danni

[11] Paġna 2536.
[12] Paġna 2540.

minnhom subiti "*u hekk dawk il-kwoti perċentwali ta' responsabiltà kontributorja jkunu issa dikjarati fuq kalkolu matematiku ġdid maħdum fuq l-ammont totali ta' danni sofferti ta' €427,303.61, ... u kwindi li għalhekk tiddikjara s-segwenti kwoti perċentwali ta' responsabiltà kontributorja kif ġej:-*

*(i) Għall-konvenut Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi kwota ta' 20%;*

*(ii) Għall-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi kwota ta' 6.67%;*

*(iii) Għall-konvenut Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kwota ta' 13.33%; u*

*(iv) Għad-Direttur Ġenerali Xogħlijiet u għad-Direttur tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni solidalment bejniethom kwota ta' 60%;*

*Jew kif jista' alternattivament jidrilha din l-Onorabbli Qorti tal-Appell għall-kwoti perċentwali tad-dikjarazzjoni tar-responsabbiltà bejn il-konvenuti jew min minnhom*"[13].

[13] Paġna 2541 – 2542.

91. L-<u>Awtorità għat-Trasport</u> irrispondiet li t-talbiet tal-appell inċidentali tas-soċjetajiet atturi huma infondati fil-fatt u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

92. Il-<u>Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi</u> jilqa' għall-appell inċidentali tal-atturi billi fost l-oħrajn jirreferi għar-relazzjoni tal-periti addizzjonali fejn ikkonkludew li d-danni sofferti mill-atturi ma seħħewx minħabba forza maġġuri, li l-atturi ikkontribwew għad-danni minnhom reklamati u li l-Kunsill Lokali ma kellu l-ebda responsabbilità. Il-Kunsill Lokali jinsisti illi l-fehma ta' perit tekniku m'għandhiex tiġi mwarrba b'mod kapriċċuż u għadda sabiex jikkwota ġurisprudenza in sostenn. Jgħid illi għalkemm hu minnu li l-atturi ma kienux marbuta li jagħmlu *risk assessment* kif deċiż mill-Ewwel Qorti, żied jgħid illi "huwa fatt magħruf li dik l-akkwata partikolari f'Ħal Qormi fejn jinsab il-fond tas-soċjetajiet attriċi, illum appellanti, jgħaddu minnha volumi kbar ta' ilma waqt il-maltemp"[14]. Ikompli jfisser li minn jgħix jew jopera minn post fejn jaħkmu ċerti elementi tan-natura, għandu jaħseb għal dan u jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex jilqa' għal dawk l-elementi. Il-Kunsill Lokali fisser li l-Gvern Ċentrali permezz tal-awtoritajiet kompetenti huwa responsabbli li jimmaniġġjaw l-ilma però dan ma jnaqqasx mir-responsabbiltà ta' kull individwu privat li konxju mill-elementi naturali jagħmel dak kollu li jista' sabiex jilqa' għal kull eventwalità prevedibbli ta' maltemp.

[14] Fol 2572.

93. Id-Direttur tax-Xogħlijiet u d-Direttur tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, fir-risposta tagħhom tas-26 ta' Marzu 2024 jilqgħu għall-appell inċidentali tal-atturi billi jgħidu li mhuwiex minnu li ma nġabitx prova dwar ir-responsabbiltà li kellhom iġorru l-atturi. Jgħidu li mhux siewi l-argument li jagħmel x'jagħmel iċ-ċittadin bil-proprjetà tiegħu, jekk jinstab li t-toroq setgħu nbdew b'mod aktar diliġenti, mela l-ħtija hija dejjem tal-Gvern u li ċ-ċittadin ma jistax jiġi addossat b'ebda responsabbiltà. Jgħidu li dan l-argument ma jreġġiex u jsostnu illi jekk persuna tqiegħed il-ħwejjeġ tagħha f'periklu, xi forma ta' negliġenza kontributorja għandha tirriżulta.

Ikkunsidrat;

94. L-atturi P.O.G. Limited u Petralux Limited appellaw inċidentalment billi attakkaw is-sentenza appellata in kwantu sabet li kkontribwew għad-danni minnhom sofferti kif ukoll li sabithom responsabbli f'perċentwali ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%).

95. L-Ewwel Qorti addossat 25% tar-responsabbilità fuq l-atturi wara li rraġunat kif isegwi:

"Kontributorjeta` tal-atturi

L-ispiżjara Anna Fenech xehdet li l-ispiżerija ilha bdiet topera fit-2001; il-post ta' fuq minn 1997. Esibiet kuntratt tal-akkwist minn P.O.G. LTD tas-sena 2000; u kuntratt ta' lokazzjoni tal-20 ta' Diċembru 1999.

Il-periti perizjuri, l-istess bħall-periti originali, addossaw responsabilita` kontributorja fuq l-atturi. Il-periti perizjuri tekniċi kkonkludew:

> "… is-sit fejn qiegħed l-istabbiliment tal-attriċi POG, jifforma ukoll parti mill-inħawi rilevanti. Ladarba huwa hekk, għaliex inbena daqshekk filbaxx? Fix-xhieda ħareġ ċar li storikament dik iż-żona tbagħti mill-għargħar. Is-soċjeta` attriċi ma tat l-ebda spjegazzjoni valida għaliex il-binja saret daqhekk 'l isfel. Il-mod kif inbniet, jiġifieri bil-pjan terren ta' ftit tarġiet 'il fuq mit-triq, ma jagħti l-ebda konfort. Hawnhekk is-soċjeta` attriċi trid terfa' responsabilita wkoll. Wieħed għandu x'jifhem ukoll li kieku l-binja saret 4 filati iktar 'il fuq milli nbniet, ukoll kien ikun hemm għargħar ġol-binja – iżda b'ħafna inqas ħsara."

Il-Perit Perizjur legali rrelata hekk:

> "Ħaġa li jaqblu dwarha l-periti tekniċi kemm dawk oriġinali u kemm dawk perizjuri, huwa l-element kontributorju qawwi għall-akkadut mertu tal-kawża dovut għall-fatt li l-fond minfejn tiġi operata l-ispiżerija in kwistjoni meta nbniet ma ttieħed l-ebda kont tal-post fejn inbniet u wisq inqas ittieħdu prekawzjonijiet minimi bħal per eżempju li wieħed jgħolli llivell tal-bini sabiex wieħed jippreveni dak li kien manifestament u lampament prevedibbli. Dan fil-fehma tal-esponent għandu jġorr responsabilita` ta' ħamsin fil-mija (50%)."

Huwa minnu li l-atturi m'għamlu l-ebda *risk assessment* anke jekk kien fatt notorju li l-inħawi kienu suxxettibbli għall-għargħar, u hemm il-prinċipju ta' *volenti non fit iniuria.* B'danakollu, din il-Qorti ma tistax taqbel li l-atturi għandhom jaddossaw nofs ir-responsabilita`. Dan għaliex l-awtoritajiet ikkonċernati komplew aggravaw il-periklu tal-għargħar wara li l-atturi akkwistaw il-proprjeta` u bdew joperaw in-negozju tagħhom. Ikun għalhekk ġust li l-atturi jġorru biss ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tar-responsabilita."

Ikkunsidrat;

***Dannu b'konkors ta' nuqqas tad-danneġġjant u nuqqas tad-danneġġjat.***

96. Jekk id-danneġġjat ikun, b’nuqqas ta’ prudenza, ta’ diliġenza jew ta’ ħsieb, ikkontribwixxa jew ikkaġuna l-ħsara minnu sofferta, il-Qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lid-danneġġjat, tiddeċiedi, fid-diskrezzjoni tagħha, f’liema proporzjoni d-danneġġjat ikun ikkontribwixxa jew ikkaġuna l-ħsara li bagħta. Id-danni li d-danneġġjat għandu jitħallas mill-persuni l-oħra li kkontribwew għal dik il-ħsara, għandu jiġi mnaqqas f’dik il-proporzjon (**Art. 1051, Kodiċi Ċivili**).

97. Japplika għalhekk il-prinċipju, li jsib ukoll applikazzjoni fir-responsabbilità kontrattwali, illi d-danni dovuti jonqsu skont kemm huwa gravi n-nuqqas kontributorju da parti tad-danneġġjat. B’dan illi n-nuqqas tal-vittima jista’ jkun tant gravi illi jinterrompi r-rabta kawżali bejn in-nuqqas tat-terz u d-danni subiti mid-danneġġjat.

98. “*Se il fatto colposo del creditore ha concorso a cagionare il danno, il risarcimento e’ diminuito secondo la gravità’ della colpa e l’entita’ delle consegwenze che ne sono derivate*.” (Ara **G. Pescatore u C.Ruperto, Codice Civile Annotato , Giuffre Ed. Ed. 1978 , pg 1149**).

99. Hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabbilixxi l-perċentwali tal-kontributorjetà da parti tad-danneġġjat. Ma hemm l-ebda regola jew formula fissa dwar kif għandu jsir tali apporzjonament u kollox huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti msejsa fuq il-fatti kollha rilevanti li

kkontribwew għall-event dannuż. (ara **Raymond Sammut v. Anthony Micallef** - Appell Superjuri - 24 ta' April, 2015; **Joseph Galdes v. Victor Micallef** - Appell Superjuri - 20 ta' Jannar, 1964). Naturalment jibqa' applikabbli l-prinċipju *onus incumbit ei qui dixit.* Fil-każ tagħna kien għalhekk jinkombi fuq il-konvenuti li mhux biss jallegaw il-kontributorjetà tal-atturi imma wkoll li jippruvaw sodisfaċentement tali pretensjoni. (ara **Av. Dr. Jonathan Abela noe. v. Maria Spiteri** - Appell Superjuri - 14 ta' Marzu, 2024; **Derek Fenech v. Jason Carabott et**. Appell Superjuri - 27 ta' April 2023; **Reuben Fenech et v. Francis Montebello et**. - Appell Superjuri - 20 ta' Ġunju 2024; u **Emanuel Farrugia et vs. Mario Magri** – Appell Superjuri - 20 ta' Ġunju 2024.).

100. Minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjetà min-naħa tad-danneġġjat. Inżamm illi hemm il-kontributorjetà da parti tad-danneġġjat jekk jirriżulta li poġġa lilu nnifsu fil-perikolu li jsofri l-ħsara li effettivament sofra. Kif ingħad fuq in-negliġenza kontributorja: *"Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself"* (Froom v. Butcher CA

QB 286 (1976) per Denning LJ) (ara **Carmelo Micallef v. John Pisani et. noe**. – Appell Superjuri - 5 ta' Ottubru, 2001; **Emanuel Farrugia et. v. Mario Magri** - Appel Superjuri - 20 ta' Ġunju, 2024).

101. Il-ġurisprudenza fissret li għalkemm Artikolu 1510 fuq ċitat huwa meqjus li jipprovdi dwar negliġenza kontributorja da parti tad-danneġġjat, jipprovdi għal żewġ sitwazzjonijiet u ċjoè fejn il-vittma (a) tikkontribwixxi għall-ħsara u (b) tagħti okkażjoni għall-ħsara. Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv.

102. Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza rilevanti għal każ tal-lum, din il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

103. L-Ewwel Qorti qieset illi minħabba li dawk l-inħawi kellhom tendenza fil-passat li jsofru minn għargħar, allura l-ħsara li minnha l-atturi qed jilmentaw kienet prevedibbli. Il-Periti Addizzjonali rrelataw illi ladarba l-atturi kienu konsapevoli ta' dik il-problema rikorrenti marbuta mal-ilma tax-xita, kien minnhom mistenni li ta' lanqas jirrikorru għal prekawzjonijiet sempliċi, bħal per eżempju li l-fond kummerċjali jiġi kostruwit ftit aktar għoli minn dak li effettivament ġie kostruwit. Il-Periti Addizzjonali irrelataw li r-responsabbilità kontributorja tal-atturi tissarraf f'50% tar-responsabbilità totali. L-Ewwel Qorti, filwaqt li qablet mal-periti

addizzjonali li l-atturi kellhom responsabbilità kontributorja, iddeċidiet li dik ir-responsabbilità ma kintix ta' 50% imma ta' 25%.

104. Ma nġabet l-ebda prova in atti li preċedentement għall-akkadut mertu tal-kawża, kien hemm mqarr xi okkażjoni waħda fejn dan il-fond għereq bl-ilma tax-xita. Il-prevedibilità f'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari, trid tkun konkreta, marbuta ma' avvenimenti reali tal-passat. La l-periti addizzjonali u lanqas l-Ewwel Qorti ma sabu illi qabel l-akkadut il-fond mertu tal-kawża għadda minn episodju simili. Bil-fatt li l-fond jinsab f'akkwata li fil-passat kien hemm okkażżjonijiet fejn it-toroq żammew l-ilma meta tagħmel ħafna xita, m'għandux iwassal għall-konklużjoni li dak li seħħ lill-fond tal-atturi f'Settembru 2003 kien prevedibbli. Għalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti li l-fatt dannuż lill-binja u l-kontenut tagħha kienu prevedibbli.

105. Din il-Qorti tqis illi l-*eventum damni* kien l-għargħar li ħakmu l-inħawi fejn hemm il-binja tal-atturi. Biċ-ċaqliq li għamlu l-atturi fil-ġestjoni interna tal-fond tagħhom bl-ebda mod ma kkontribwixxa għal xi żieda fil-volum ta' ilma tax-xita li daħal fil-binja tagħhom. Lanqas b'xi mod ma kkontribwixxa għal għargħar aktar gravi.

106. Tajjeb jiġi kkunsidrat illi meta l-atturi applikaw mal-awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ tal-permess ta' żvilupp sabiex iċaqalqu l-ispiżerija

mill-ewwel sular għal pjan terran, il-permess ħareġ. L-awtorità responsabbli mill-ħruġ tal-permessi ta' żvilupp ma rriskontrat l-ebda problema li l-ispiżerija tiġi ġestita mill-pjan terran. L-atturi aġixxew strettament *entro* l-jeddijiet tagħhom u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti għandu japplika Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi illi kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.

107. Ma tressqet l-ebda prova illi l-atturi setgħu jagħmlu xi ħaġa sabiex ma jidħolx l-ilma għandhom waqt għargħar. Ma kellhom l-ebda kontroll fuq ix-xogħlijiet li għamlu l-entitajiet tal-Gvern Ċentrali. Li tiġi imputata ħtija fuq l-atturi għaliex użaw il-proprjetà tagħhom *entro* l-limiti tal-permessi maħruġa mill-awtorità kompetenti hija fil-fehma ta' din il-Qorti applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili.

108. Stabbilit illi b'dak li għamlu l-atturi ma kellu l-ebda effett fuq il-gravità tal-għargħar, din il-Qorti tosserva illi dak li effettivament qieset l-Ewwel Qorti bħala ħtija kontributorja da parti tal-atturi ma kienx strettament aġir kontributorju għall-event dannuż daqskemm l-obbligu ta' kull danneġġjat li jimminimizza d-danni. Mod ieħor, l-Ewwel Qorti mhux responsabbilità kontributorja da parti tal-atturi għall-*eventum damni* sabet daqskemm li d-danni subiti mill-atturi setgħu ġew evitati li kieku ma ddeċidewx li jniżlu l-ġestjoni tal-ispiżerija mill-ewwel sular għall-pjan

terran. Fil-fehma ta' din il-Qorti ż-żewġ kunċetti huma totalment diversi minn xulxin.

109. Tajjeb jiġi sottolineat illi mill-atti jirriżulta li dan il-fond kien ilu mibni. Dak li l-atturi għamlu fis-sena 2001 kien spostament intern tal-ġestjoni tan-negozju. Għalhekk, kif tajjeb issottomettew l-atturi fl-appell inċidentali tagħhom, kuntrarjament għal dak ritenut mill-Ewwel Qorti, ma setgħux jgħollu l-livell tal-pjan terran f'binja ġia kostruwita.

110. L-atturi kellhom kull jedd, bħal kull sid ieħor, illi jgawdu l-proprjetà tagħhom fil-limiti tal-permessi maħruġa. Huwa minnu illi kieku l-atturi ma mexxewx il-ġestjoni tal-ispiżerija mill-ewwel sular għall-pjan terran, il-probabbilità hi li l-ħsara kienet tkun ferm anqas; però min imkien ma jirriżulta illi minħabba n-nuqqasijiet tal-konvenuti, d-dritt fundamentali tal-atturi li jgawdu l-proprjetà tagħhom ġie nieqes.

111. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tqisx li l-atturi ikkontribwew għad-danni minnhom subiti fit-termini tal-Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili.

112. Tqis għalhekk illi r-responsabbilità ta' 25% li l-Ewwel Qorti akkollat fuq l-atturi ser tiġi spartita fuq il-konvenuti meqjusa minn din il-Qorti

responsabbli għad-danni tal-atturi. Bl-istess mod id-danni li l-Ewwel Qorti akkollat fuq il-Kunsill Lokali konvenut.

**113. Għaldaqstant, tilqa' l-appell inċidentali tal-atturi; tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-atturi responsabbli f'perċentwali ta' 25%; u minflok tvarja l-perċentwali tar-responsabbilità li sabet l-Ewwel Qorti f'uħud mill-konvenuti billi tiddikjara illi (i) l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi hija responsabbli fi kwota' ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%); (ii) l-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta fi kwota ta' ħmistax fil-mija (15%); u (iii) d-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet u d-Direttur tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni solidalment bejniethom fi kwota' ta' sittin fil-mija (60%); minflok il-perċentwali kif deċiżi mill-Ewwel Qorti.**

**Deċiżjoni**.

**Għal dawn il-motivi:**

**(i) Tilqa' parzjalment l-appell prinċipali tal-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi bil-mod kif fuq spjegat; tħassar is-sentenza appellata sa fejn sabet lill-Kunsill Lokali responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjetajiet attriċi f'perċentwali ta' ħamsa fil-mija (5%), tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut, tiddikjara lill-**

**Kunsill Lokali konvenut ma hux responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjetajiet attriċi u għalhekk tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tal-istess Kunsill Lokali;**

**(ii) Tiċħad l-appelli inċidentali tal-konvenuti kollha;**

**(iii) Tilqa' l-appell inċidentali tas-soċjetajiet attriċi, tħassar is-sentenza appellata sa fejn sabet li s-soċjetajiet attriċi kkontribwew għad-danni minnhom subiti f'perċentwali ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%).**

**(iv) Tvarja s-sentenza appellata billi ssib illi għad-danni sofferti mill-atturi huma responsabbli (a) l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi fi kwota' ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%); (b) l-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta fi kwota ta' ħmistax fil-mija (15%); u (c) id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet u d-Direttur tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni solidalment bejniethom fi kwota' ta' sittin fil-mija (60%); minflok il-perċentwali kif deċiżi mill-Ewwel Qorti.**

**Tħassar il-kap tal-ispejjeż kif deċiż mill-Ewwel Qorti, u minflok tordna illi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu in kwantu għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi; in kwantu għall-ħmistax fil-mija (15%) mill-Awtorità dwar**

**it-Trasport f'Malta u in kwantu għad-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet u d-Direttur tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni solidalment bejniethom fi kwota' ta' sittin fil-mija (60%).**

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul | Robert G.Mangion |
| Aġent President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da